

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6235 – Honeywell/Sinochem/JV)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2011/C 323/09)

1. Fit-28 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Honeywell International Inc. ("Honeywell", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Sinochem Lantian Company Ltd. ("Sinochem Lantian", iċ-Ċina) parti mill-Grupp Sinochem (iċ-Ċina) jakkwistaw skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta ("JV", iċ-Ċina) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Honeywell: attiva fil-prodotti u s-servizzi ajrupazjali, soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni u ta' kontroll, materjali speċjalizzati u sistemi tat-trasport u l-enerġija,
- għal Sinochem Lantian: attiva fir-R&Ż u l-produzzjoni tal-kimiċi, id-distribuzzjoni farmaċewtika, proġetti ta' inġinerija, il-produzzjoni tal-pestiċidi u l-iżvilupp tal-proprietà immobbli. Sinochem Lantian hija parti mill-Grupp Sinochem, li għandu attivitajiet f'diversi setturi, inklużi l-kimiċi, l-enerġija, is-settur finanzjarju u s-settur tal-proprietà immobbli,
- għal JV: il-manifattura tal-HFC-245fa, aġent tat-tneffiħ li jinbiegħ l-aktar għal skopijiet tal-insulazzjoni b'fowm poliuretani taċ-ċellola magħluqa. JV se tkun esklussivament attiva fl-Asja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6235 – Honeywell/Sinochem/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").